*Rifuzjoni ta' bilanc imhallas ghal borza ta' studju;*
*'Inademplendi non est in ademplendum';*
*Artikolu 933 tal-Kodici Civil;Penali f'kuntratt ta' impjieg*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 16 ta' Novembru, 2017**

**Numru 7**

**Rikors Numru 937/09 TA**

**L-Universita` ta' Malta**

**vs**

**Dr. Daniel Said Pullicino (K.I. 110277 (M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Universitá ta' Malta prezentat fid-29 ta' Settembru 2009 u mahluf mill-Profs Juanito Camilleri fl-istess data li permezz tieghu talbet is-segwenti:-

"1. Illi Dr. Daniel Said Pullicino huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€51,113.44) rapprezentanti hlas minnu dovut lilha ghall-borza ta' studju skond kuntratt minnu ffirmat, u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. UoM1;

2. Illi dan l-ammont jirraprezenta bialanc rimandi u dovut minnu stante ili l-intimat gja irrikonoxxa dan id-debitu permezz tal-pagamenti illi huwa effetwa fl-4 ta' April 2008, fis-7 ta' Mejju 2008, fit-3 ta' Gunju 2008, 9 ta' Lulju 2008, 4 t'Awissu 2008, fl-10 ta' Settembru 2008 u 9 t'Ottubru 2008, skont skeda ta' pagamenti hawn annessa u mmarkat bhala Dok. UoM 2;

3. Illi meta mitlub ikompli jhallas ghas-saldu kif miftiehem, l-intimat baqa' inadempjenti.

4. Illi l-ammont imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u jezistu r-rekwiziti kollha ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili, u qeghdin jigu annessi l-affidavits tas-Sinjura Anita Aloisio, Direttur Finanzi tal-Universita` ta' Malta hawn anness u mmarkat bhala Dok AA u s-Sinjura Jacqueline Fenech, Direttur tar-Rizorsi Umani hawn anness u mmarkat bhala Dok JF;

5. Illi l-attur jikkonferma u jiddikjara illi sa fej jaf hu, il-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni li jista' jressaq kontra din it-talba li qed issir permezz ta' dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni:

1. Tordna lill-konvenut sabiex jidher quddiem l-Onorabbli Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Onorabbli Qorti;

2. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara illi l-intimat Dr. Daniel Said Pullicino huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€51,113.44) rapprezentanti hlas minnu dovut lilha ghall-borza ta' studju skont kuntratt minnu ffirmat u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. UOM1, u

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponent s-somma fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il ewro u erbgha u erbghin ewro centemzi (€51,113.44) u tipprefiggi terminu ghall-hlas ta' l-istess.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Frar 2009 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. UoM 3), u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenut Dr. Daniel Said Pullicino prezentata fil-5 ta' Mejju 2010 u mahlufa fl-istess data minnu stess li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ai termini tal-klawsola 5(ii) tal-kuntratt (Dok. UoM1) kienu jezistu ragunijiet tajba u sufficjenti ghaliex l-intimat ma offriex is-servizzi tieghu lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-definizzjoni bl-ittra 'C' tal-formula ghal komputazzjoni tal-penali, ai termini tal-kuntratt, ma ssemmiex is-salarju illi ppercepixxa l-intimat u ghalhekk l-ebda bilanc jew ammont ulterjuri ma huwa dovut lir-rikorrenti;

3. Illi fi kwaliasi kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkluzjoni tas-salarju illi ppercepixxa l-intimat fid-definizzjoni bl-ittra 'C' tal-formula ghal komputazzjoni tal-penali ghandha titqies bhala illegali stante illi tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-Ligijiet ta' Malta, in partikolari izda mhux esklussivament ai termini tal-Artikolu 42 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** B'din il-kawza l-Universitá ta' Malta qed tfittex lill-Konvenut Dr. Daniel Said Pullicino ghall-ispejjez minnha maghmula in konnessjoni ma' borza ta' studju moghtija lill-istess Konvenut abbazi tal-klawsola 5(ii) tal-ftehim datat 20 ta' Mejju 2004 (a` fol 6). L-Awtorita` rikorrenti tikkontendi li l-Konvenut naqas milli jippresta s-servizz tieghu lill-Universitá ghall-perjodu ta' hames snin minn meta temm il-kors ta' studju kif kien obbligat li jaghmel permezz tal-klawsola 5(i) tal-ftehim imsemmi.

**Punti ta' Ligi**

**2.** Il-Qorti tqis li din it-tip ta' azzjoni giet spjegata tajjeb mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Malta Information Technology & Training Services Limited, gja Management Systems Unit Limited vs Michael Balzan** moghtija fis-6 ta' Ottubru 2004 bil-mod kif gej:-

> "[L]-azzjoni attrici hi konsegwenzjali ghal din l-inadempjenza tal-Konvenut li ghalkemm kien irceva l-beneficcju tal-kors naqas imbaghad milli jirrendi l-prestazzjoni ta' xoghlu lis-socjeta` appellata. Skond il-ligi inadempiment bhal dan jissarraf f'danni ghax, kif saput, "hi massima generali li l-obbligazzjonijiet

li ma jikkonsistux "nel dare", imma jikkonsistu "nel fare" jirrizolvu ruhhom f'danni u nteressi meta d-debitur ma jadempix l-obbligazzjoni tieghu, ghaliex "nemo precise cogi potest ad factum"." (**Kollez. Vol XLI pII p1141**)."

**3.** Fil-kaz odjern, dawn id-danni huma dawk imfissra fi klawsola 5(ii) tal-ftehim imsemmi, ossia, "*the total amount of expenses (including travel and accommodation expenses, tuition fees and subsistence allowances) paid or expended by the University in connection with the Scholarship"*.

**4.** Il-Konvenut min-naha tieghu jilqa' ghal din l-azzjoni billi jsostni li d-dicitura tal-klawsola appena citata teskludi s-salarju u n-*national insurance* moghtija lilu flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtá socjali. Il-Konvenut jislet dan l-argument ghaliex b'differenza minn klawsoli ohra, il-klawsola 5(ii) tal-ftehim imsemmi, f'dik il-parti intestata bl-ittra 'C', ma taghmilx referenza ghall-Enclosure "A" (a` fol 9) anness mal-istess ftehim fejn hemm elenkat il-"Financial details of Scholarship" u f'liema elenku hemm ukoll is-salarju u n-National Insurance. Lanqas ma hemm inkluz fil-klawzola msemmija s-salarju u n-National Insurance bhala "total amount of expenses".

**5.** Fid-dawl tal-interpretazzjoni li ghogbu jaghti tal-obbligi kuntrattwali tieghu, il-Konvenut ghadda biex effettwa pagamenti tal-ispejjez kollha tal-borza ta' studju ghajr is-salarju u n-National Insurance (ara skeda ta' pagamenti a` fol 10). Il-Konvenut isostni, li huwa effettwa dawn il-

pagamenti unikament bhala gest ta' gratitudni u buona volontá billi skontu, kellu 'good and sufficient cause' li ma jibqax jippresta s-servizz tieghu lill-Universitá Attrici.

**6.** Il-Konvenut jiggustifika din id-decizjoni ghaliex ladarba kiseb il-kwalifika ta' Ph.D, l-Universitá kellha toffrilu post akkademiku u mhux tistenna li jirritorna ghall-pozizzjoni non-akkademika ta' Laboratory Officer II li kien jokkupa qabel ma ha l-borza ta' studju. Il-Konvenut eccepixxa wkoll illi fi kwalunkwe kaz, il-klawsola imsemmija ghandha titqies li saret bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u in partikulari, tal-artikolu 42 ta' din il-ligi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**7.** Stabiliti l-parametri legali tal-kawza jmiss issa li jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet.

**8.** Jibda biex jinghad li l-klawsola 5(ii) tal-ftehim tghabbi lill-Konvenut bl-obbligu li jibqa' fis-servizz tal-Universitá ghall-perjodu ta' hames snin minn meta jtemm il-borza ta' studju. Din il-klawsola testwalment tistabilixxi li jekk ma joqghodx mal-obbligu imsemmi minghajr raguni gusta u sufficjenti u cioe' "*without cause <u>deemed at the University's discretion</u> to be good and sufficient*", il-Konvenut huwa tenut li jirrimborsa lill-Universitá "*the total amount of expenses (including travel and accommodation expenses. Tuition*

*fees and subsistence allowances) paid or expended by the University in connection with the scholarship*".

**9.** Klawsola 5(ii) tal-kuntratt tistabilixxi li x'jikkostitwixxi "good and sufficient cause" hija decizjoni imhollija fid-diskrezzjoni tal-Universita`. Izda dan ma jfissirx li din il-Qorti hija prekluza milli tissindika r-ragjonevolezza jew proporzjonalita` tad-decizjoni mehuda. Huwa dejjem fis-setgha tal-Qrati li jintervjenu biex jassiguraw li din id-diskrezzjoni f'materja ta' kuntratti tintuza b'mod gust **(ara Sentenza tal-Prim Awla Qorti Civili per Imhallef Gianninu Caruana Demajo fl-ismijiet John Saliba -vs- Air Malta Plc tad-9 ta' Dicembru 2005)**.

**10.** Minn naha l-ohra l-Konvenut lanqas ma jista' jistrieh fuq il-principju, li *inademplenti non est ademplendum*. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Konvenut jargumenta li l-fatt li l-Universitá m'offritx lill-Konvenut xoghol akkademiku wara li jikseb il-kwalifika ta' Ph.D, hija b'xi mod naqset fil-konfront tieghu. Fil-ftehim imsemmi, ma hemm xejn x'jindika li l-Universitá b'xi mod weghdet jew assumiet xi obbligu bhal dan fil-konfront tal-Konvenut. Kieku l-Konvenut ried li jkun hemm dan l-obbligu tal-Universita`, messu insista ghalih kontrattwalment. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-Konvenut li jinsisti li fil-kuntratt kellha tkun inserita klawsola f'dan is-sens. A' propositu ta' dan il-principju ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti diversament

presjeduta datata 5 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **Awtoritá Marittima ta' Malta et vs Michelle Grech et** fejn intqal hekk:-

> "*Huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-exceptio non rite adempleti contractus. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt (Aquilina Utrinque, Kollez. Vol: XLIX.i.518 deċiża fit-12 ta' Marzu 1965). Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti (Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd, deċiża fil-15 ta' Jannar 2010).*
>
> *Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. <u>Kemm hu hekk, il-prinċipju li inademplenti non est ademplendum, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra (Muscat vs Attard et, Kollez. Vol: XXX.i.155 deċiża fit-3 ta' Ġunju 1938). Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti</u>*

*<u>għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalità bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka</u> (Ara App. Ċiv. 29.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe).*

*Din il-Qorti tqis illi biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe, deċiża fid-9 ta' Ottubru, 2003, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

> *'Il-prinċipju pacta sunt servanda huwa wieħed applikat rigorosament mill-Qrati tagħna, u jekk ma tirriżultax xi ċirkostanza li, skond il-liġi, tista' twassal għat-tħassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miż-żewġ naħat.'* " (sottolinear ta' din il-Qorti).

**11.** Il-ftehim Li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa insuccint wiehed car: l-Universitá bhala principal, obbligat ruhha li thallas lill-impjegat taghha l-Konvenut Dr. Said Pullicino ghall-istudji tieghu gewwa l-Universitá ta' Perugia. In konsiderazzjoni ta' dan, il-Konvenut obbliga ruhu li jaghti s-servizz tieghu lill-Universitá ghal hames snin. Dak li bhal donnu qieghed jippretendi l-Konvenut, la huwa effett indirett u wisq anqas indirett tal-kuntratt inkwistjoni.

**12.** Di fatti, il-gurista taljan **Giorgio Giorgi**, inkwantu jirrigwarda l-eccezzjoni ta' inadempjenza kuntrattwali jikkummenta s-segwenti:-

> "*Indubitatamente per altro, cosi in questa eccezzione , come nel gius di retenzione, si richiede la connessita' fra le due obbligazioni : che e' quanto dire , le due obbligazioni debbono nascere direttamente o indirettamente dal medesimo contratto*" u jkomli biex jiccita dal li ghid il-gurista l-iehor Franciz **Larombiere** b'ezempji prattici **(Giorgio Giorgi, Teoria Delle Obbligazioni;Vol.IV pg 223; Firenze Ed 1908; Fratelli Cammelli.)**

**13.** Huwa fatt inkontestat li l-Universitá esegwiet il-parti tal-obbligazzjoni taghha billi ffinanzjat l-ischolarship tal-Konvenut bil-mod elenkat fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A" (fol 9) anness mal-istess ftehim. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-Konvenut li ddecieda li jtemm is-servizz tieghu minn ma' l-Universitá u ma jahdem xejn mill-hames snin ta' mpjieg li huwa ntrabat li jahdem.

**14.** Hekk kif jipprovdi l-artikolu 933 tal-Kodici Civili, dan il-ftehim ghandu jigi ezegwit bil-buona fede li hi "fonti integrattiva tal-kuntratt" (ara **Malta Information Technology & Trainig Services Limited vs Michael Balzan** citata supra). Ghaldaqstant in-nuqqas tal-Konvenut li jottempera ruhu mal-obbligu minnu liberament accettat fil-ftehim imsemmi igib mieghu r-responsabilitá kontrattwali li l-Konvenut irid jerfa' l-effetti u l-konsegwenzi ta' tali inadempiment.

**15.** Huwa minnu wkoll li meta l-Konvenut affettwa l-pagament tal-ispejjez kollha kif fhemhom hu, u dan billi f'dan il-pagament ma inkludix is-salarju u n-National Insurance, ikkawtela l-istess pagament billi ddeskrivih bhala gest ta' gratitudni u buona volontá (ara Affidavit tal-Konvenut a` fol 114). Meta l-Konvenut ghamel dan il-pagament, anke jekk ikkawtelat, irrikonoxxa, li bir-rizenja tieghu, huwa kiser il-kondizzjonijiet tal-Borza ta' Studju li kellu mal-Universitá.

**16.** Il-Qorti ma tistax ma tinnotax, li kif inhi imfassla l-ewwel eccezzjoni, il-Konvenut qieghed jirregetta ghal kollox il-pretensjonijiet attrici abbazi ta' dak li inghad aktar 'l fuq. Izda aktar 'l quddiem fl-eccezzjonijiet tieghu bhal donnu jargumenta li anke li kieku, dak li hallas kien jissodisfa kull pagament li kellu jaghmel abbazi tal-kuntratt mertu tal-kawza. Dan ifisser, li bl-ahhar argument, il-Konvenut ikun jirrikonoxxi li tassew naqas mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu abbazi ta' klawsola 5(ii) tal-ftehim, izda d-disputa hi limitata ghall-ammont li l-Universita' qeghda tippretendi li ghandu jhallas.

**17.** Fil-kwistjoni ta' jekk l-interpretazzjoni tal-ittra 'C' tal-klawsola 5(ii) tal-ftehim imsemmi teskludix jew le s-salarju u n-National Insurance, din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-**Qorti tal-Appell fis-sentenza Malta Information Technology and Training Services Limited vs Michael Balzan** gia citata supra:-

*"Il-process interpretattiv ghandu jkollu l-iskop li jiddetermina l-intent prattiku prosegwit mill-partijiet. Dan anke indipendentment minn "nomen juris", ossija lkwalifika, li l-partijiet jattribwixu lill-ftehim ta' bejniethom.*

*Kif rikonoxxut, "la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita` assunta dai contraenti ma dalla sostanza dello stesso e dallo scopo che se ne ebbe stipulando, non che da altri atti che ne fanno riferenza se ve ne sono" (**Kollez. Vol XII pagna 348**).*

*Fl-indagini li trid issir tal-volonta` komuni jokkorri li jigu ricerkati dawk l-elementi sufficjenti tal-intenzjoni rispettiva konfluwiti f'din l-istess volonta` komuni, esterjorizzata f'patt jew pattijiet ben definiti.*

*… … Hu veru li l-kompitu tal-gudikant hu dak li jillimita ruhu fl-ewwel lok ghas-sens letterali tal-kliem in kwantu l-volonta` komuni tal-partijiet temergi b'mod cert u immedjat mill-espressjonijiet adoperati, u b'mod li allura l-element letterali jassorbi u jezawrixxi kull kriterju iehor ta' interpretazzjoni. Jokkorru pero` sitwazzjonijiet fejn jinhass opportun li l-gudikant jiddiskosta ruhu, anke jekk mhux ghal kollox, mill-kontenut letterali biex jaghti esplicita konsiderazzjoni lill-intenzjoni. Dan ghall-fini li jsib b'mod sufficcjenti u sodisfacenti l-vera volonta` negozjali tal-partijiet.*

*Jigi allura li f'certi cirkostanzi l-kriterju nterpretattiv prevvist fl-Artikolu 1003 tal-Kodici Civili ikun konkorrenti, u mhux sempliciment sussidjarju, ghall-*

*interpretazzjoni letterali stabbilita fl-artikolu 1002 tal-istess Kodici. Dan fejn it-test apparentement car jista' ma jkunx hekk di fronte ghall-imgieba diversa tal-partijiet li jistghu jkunu ntendew ir-rapport taghhom f'sens iehor. Ara* ***Kollez. Vol XXXIV pI p27***."

**18.** Applikat dawn l-osservazzjonijiet fil-kaz in dizamina, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjoni. Il-fatt wahdu li l-ittra 'C' fil-klawsola 5(ii) tal-ftehim ma taghmilx referenza ghall-punt numru 8 tal-Enclosure "A" u lanqas referenza esplicita ghas-salarji u n-national insurance bhala "expenses", dan ma jizvinkolax lill-Konvenut mill-obbligu tieghu li jhallas lura wkoll is-salarju u n-National Insurance. Dan ghaliex, huwa indubitat, li Enclosure "A" jibqa' bla dubju parti integrali tal-ftehim li gie konkjuz bejn l-partijiet.

**19.** Punt numru 8 , kjarament inestat bhala "**Financial details of Scholarship**" (kliem in grass ta' din il-Qorti) huwa indikazzjoni ta' x'kellhom f'mohhhom il-partijiet ai fini ta' klawsola 5(ii) fuq imsemmija. Din il-Qorti l-anqas ma ghandha dubbju, li fil-mument tal-ftehim, dak li kellhom f'mohhom il-partijiet, mhux fis-sens ta' xi xtaqu jghidu, izda ta' tassew x'qalu u ftehmu u cioe`, li kemm is-salarju u kif ukoll il-hlas tan-National Insurance kienu parti minn dak li kellu jkun rifuz f'kaz ta' ksur tal-klawsola imsemmija mill-Konvenut.

**20.** Il-Qorti tista' biss taghmel apprezzament ta' x'kellhom f'mohhom il-partijiet u x'tassew kien il-ftehim (meta titqanqal kwistjoni interpretattiva dwar xi parti tal-kuntratt), billi thares lejn il-parti soggetta ghall-interpretazzjoni, fil-kuntest ta' dak kollu li jiddisponi l-ftehim. Dan huwa rifless f'dak li jiddisponi artiklu 1003 tal-Kodici Civili.

**21.** Ghalhekk, meta l-Enclosure "A" jitqies flimkien ma' dak dikjarat fl-ittra 'C' fil-klawsola 5(ii), fejn hemm imnizzel li l-Konvenut ghandu jhallas "the total amount of expenses … <u>paid</u> or <u>expended</u> by the University in connection with the Scholarship" il-Qorti tifhem, li l-intenzjoni komuni tal-partijiet fil-ftehim imsemmi hija, li s-salarju u n-National Insurance li l-Universitá hallset (*paid*) lill-Konvenut in konnessjoni mal-borza ta' studju (kif imfissra fil-Financial details of Scholarship fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A") huma inkluzi fl-ammont ta' spejjez li l-Konvenut huwa obbligat jirrifondi lura lill-Universitá. Di piu il-kelma "including" hija kjarament indikattiva, u allura tkompli issahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti, li apparti l-ispejjes imsemmija "in brackets", hemm spejjes ohrajn. X'jistghu ikunu dawn, jekk mhux dawk indikati fi klawsola 8 tal-Enclosure "A" anness mal-ftehim imsemmi?

**22.** Ta' l-istess fehma kienet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Awtoritá Marittima ta' Malta et –vs- Michelle Grech et** (mhux

appellata) citata supra fejn il-fatti ta' dik il-kawza kellhom xebh kbir ghall-fatti tal-kaz odjern:-

> "*Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kliem 'expenses incurred on your behalf', għandu jingħad illi huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, u mhux mid-diskussjonijiet u kif dawn żvolġew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara* ***Clive Simpson vs John Saliba nomine et, deċiża fit-22 ta Ġunju 2004 u Frendo vs Caruana****,* ***deċiża fit-28 ta' Jannar 1999****). Fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara Brincat vs Saliba, deċiża fl- 14 ta' Novembru 1983). Il-konvenuta teċċepixxi li s-salarju tagħha ma jaqax taħt il-kappa ta' 'expenses incurred', pero ma tressaq ebda provi f'dan ir-rigward. …B'żieda ma dan, il-Qorti ssib illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa ċar illi spejjeż inkorsi mill-Awtorità relatati mal-isponsorship li ngħatat huma proprju is-salarju tal-konvenuta, is-subsistence allowance li ngħatat u l-ispejjeż tat-titjiriet għall-Awstralja u lura. Il-miżata tal-Università Awstraljana kienet imħallsa mill-Gvern Awstraljan stess u dan il-fatt ikompli jikkonferma li l-ispejjeż inkorsi kienu dawk imsemmija fil-ftehim bejn il-partijiet tal-10 ta' Novembru 2000. Ċertament illi salarju ta' impjegata li kienet imsiefra l-Awstralja jammonta għall-spejjeż inkorsi relatati mall-isponsorship illi ngħatat lill-konvenuta.*"

**23.** Il-Qorti issa se tghaddi ghat-tielet eccezzjoni tal-Konvenut kif ibbazata fuq l-artikoli 19 u 42 tal-Kap. 452. Il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti, ghalkemm f'sens wisa' hija tirrigwarda negozju guridiku bejn Principal u impjegat, ma hiex materja guridikament regolamentat mill-Kap tal-Ligijiet imsemmi.

**24.** L-artikoli ma jiccentraw xejn mal-ftehim in kwistjoni. Il-ftehim mertu tal-kawza ma huwiex kuntratt ta' servizz jew ftehim kollettiv li qed jipprovdi ghal xi kondizzjoni ta' impjieg jew jispecifika xi multi li l-impjegat jista' jehel fis-sens tal-artikoli msemmija. Dan il-ftehim huwa, wiehed ad hoc li bis-sahha tieghu l-Principal, ossia l-Universitá, intrabtet li tiffinanzja borza ta' studju lill-impjegat bil-mod kif deskritt fil-punt numru 8 tal-Enclosure "A". In kontrakambju, il-Konvenut obbliga ruhu permezz tal-klawsola 5(i) tal-ftehim, li jibqa' jippresta s-servizzi tieghu qua impjegat lill-Universitá ghal hames snin.

**25.** F'kaz ta' inadempjenza, il-ftehim lanqas ma jimponi xi multa fuq il-Konvenut izda biss li, fit-termini tal-klawsola 5(ii), l-istess jirrifondi l-hlasijiet kollha li gew effettwati mill-Universitá in konnessjoni mal-i*Scholarship* imsemmija. Li kieku din il-Qorti kellha taccetta t-tezi tal-Konvenut f'dan ir-rigward, ifisser li tkun qeghdha tbierek sitwazzjoni fejn parti tkun arrikiet lilha nnifisha indebitament a` spejjes tal-parti l-ohra. Fir-rejaltajiet u htigiet godda li ta' kull jum jevolvu fil-kamp industrijali, din hija fil-verita`, sitwazzjoni, fejn

iz-zewg partijiet ghall-kuntratt ta' impieg qeghdin jinvestu reciprokament fir-rizorsi ta' xulxin. Il-principal fir-rizors uman sabiex itejjeb il-prodott tieghu, l-impjegat f'dak kapitali ta' min jimpjegah, ghaliex altrimenti ma kienx ikollu l-opportunita' u l-finanzi li jimeljora l-hiliet akkademici tieghu. Hija ghalhekk sitwazzjoni ta' "quid pro quo". Ghaldaqstant ir-rekwizit tal-approvazzjoni tal-ftehim mid-direttur u r-revizzjoni kull erba' gimghat tal-istess kif impost fl-artikoli msemmija, ma japplikax ghal kaz odjern u ghas-sitwazzjoni tal-kaz, sitwazzjoni, li saret komuni hafna fil-kamp industrijali.

**26.** Din il-Qorti tosserva ulterjorment illi li kieku l-kundizzjonijiet msemmija fil-klawsoli 5(i) u (ii) kienu jiffurmaw parti minn ftehim kollettiv jew kuntratt ta' servizz fit-termini tal-artikoli 19 u 45 tal-Kap. 452, xorta wahda kienu jitqiesu permessi mil-ligi billi, kif gie kemm il-darba ritenut, "*Ma hemm xejn irraġonevoli li l-prinċipal li jkun daħal fi spejjeż biex iħarreġ u jrawwem impjegat tiegħu jistenna li dak l-investiment jissarraf f'ammont ta' servizz mogħti mill-impjegat wara li jkun hekk imħarreġ. Il-mira tal-klawsola hija dik li tħares l-interessi patrimonjali tal-kumpannija attriċi, u fl-istess waqt tħares lill-impjegat billi ma tħallihx marbut magħha għal żmien li ma jagħlaq qatt. Il-klawsola setgħet titqies irraġonevoli kieku kienet miftuħa għal żmien indefinit* (Ara, **P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Attilio Vassallo Cesareo noe vs Anthony Cilia Pisani***)*, jew jekk l-ammont ikun wieħed sproporzjonat* ***(Ara, App. Kumm. 15.12.1961 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Żammit***

***LaRosa vs Franco Facchetti*** **(Kollez. Vol: XLV.i.426) u P.A. MCC 31.7.1969 fil-kawża fl-ismijiet *Joseph Xerri noe vs Brian Clarke* (mhix pubblikata))**, *jew tmur kontra l-ordni pubbliku* (**Ara, per eżempju, P.A. JSP 5.10.1994 fil-kawża fl-ismijiet *Paul Pisani noe vs Ruben Vella Bray*** (mhix pubblikata)).” (**Sea Malta Company Limited vs David Kerr, Qorti Civili Prim’ Awla, 10 ta’ Gunju 2005; ara wkoll Ramon Portelli et vs Air Malta p.l.c., Qorti Civili Prim’ Awla, 5 ta’ Marzu 2013).**

**27.** Ghalhekk fid-dawl ta’ dan it-taghlim gurisprudenzjali l-anqas ma jista’ jinghad li f’dak li sar bejn il-partijiet holoq xi kundizzjonijiet sfavorevoli ghall-Konvenut. Is-salarju baqa’ jircevih, ma tnaqqsulu xejn mill-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu meta kellu jirritorna lura ghax-xoghol wara t-temm tal-istudji, kien marbut li jibqa’ jippresta s-servizzi tieghu ghal zmien ikkunsidrat ragjonevoli sabiex il-principal seta’ jirrikava l-investiment li ghamel fih u imkien ma jirrisulta li kien hemm xi kundizzjonijiet kuntrattwali jew prattici li huma meqjusa bhala illeciti skont il-ligi jew li jmorru kontra l-ordni pubbliku.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

Fil-waqt li qed **tichad l-eccezzjonijiet** tal-Konvenut, **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba fid-dawl li l-Konvenut gie ammess jikkontesta l-kawza skont il-verbal ta' din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2010.

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara li l-Konvenut Dr. Daniel Said Pullicino huwa debitur tal-Universitá Attrici fis-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il Ewro u erbgha u erbghin ewro centezmi (€51,113.44) rapprezentanti hlas minnu dovut lilha ghall-borza ta' studju skont kuntratt minnu ffirmat u li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. UOM1 a` fol 6 tal-process.

**Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-Konvenut sabiex ihallas lill-esponent is-somma fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u tlettax-il Ewro u erbgha u erbghin Ewro centezmi (€51,113.44), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 2009, a karigu tal-Konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**